Għaqda tal-Pensjonanti

GWU

Taħdita edukattiva: "Is-Servizzi fil-Komunità"

L-Għaqda Pensjonanti tal-GWU se torganizza taħdita edukattiva nhar l-Erbgħa, 18 ta' Novembru, 2015, fil-Workers' Memorial Building fil-Belt, fid-9.30 a.m., bis-suġġett "Is-Servizzi fil-Komunità għall-Anzjani". Il-kelliema se tkun Maria Camilleri - Ħaddiema Soċjali. Wara t-taħdita jkun hemm ħin għall-mistoqsijiet. L-anzjani huma mħeġġin jattendu għal din it-taħdita. Wara t-taħdita jkun hemm *refreshments*.

Anthony Busuttil,
Segretarju

Fondazzjoni Reggie Miller

GWU

Kors ta' tlett ijiem li jwassal għal-Liċenzja ta' Gwardjan Privat

Il-kors li jmiss li jwassal għal-Liċenzja ta' Gwardjan Privat skont l-Att 398.01 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan il-Kors se jsir fit-2, 3 u 4 ta' Diċembru, 2015, u lezzjonijiet jingħataw mit-8.30 a.m. sat-3.30 p.m. fil-bini tal-GWU fil-Workers' Memorial Building, Triq Nofsinhar, Valletta. L-istess kors se jsir ukoll f'Għawdex fil-11, 12 u 13 ta' Novembru, 2015 u lezzjonijiet jingħataw mit-8.30 a.m. sat-3.30 p.m. fl-Uffiċċju tal-GWU, Triq Sir Luigi Camilleri, Victoria.

Imexxi l-Kors Chev. Alfred Abela.
Il-ħlas huwa ta' €60.
Il-membri tal-GWU jħallsu €10.
(numru tal-liċenzja maħruġ lill-Fondazzjoni Reggie Miller: P.4867.09)

Għal iktar informazzjoni ċemplu fuq 25679262 / 25679277 jew b'imejl lil pbalzan@gwu.org jew rbonnici@gwu.org.mt.
Fil-każ ta' Għawdex ċempel fuq 21556473 / 79556473 jew b'imejl lil mmagrin@gwu.org.mt

Tiġdid ta' Liċenzja ta' Gwardjani Privati

Se jsir kors ieħor li jwassal għal ċertifikat biex tiġġedded il-Liċenzja ta' Gwardjani Privati skont l-Att u r-Regolamenti dwar Gwardjani Privati u Lokali. Dan il-kors li fih żewġ sessjonijiet se jsir nhar it-Tnejn, 16 u t-Tlieta, 17 ta' Novembru, 2015, mill-5.30 p.m. sas-7.00 p.m., fil-bini tal-GWU fil-Workers Memorial Building, Triq Nofsinhar, il-Belt.

Imexxi l-Kors Chev. Alfred Abela.
Ħlas: €25.
Membri tal-GWU iħallsu €10.
Fl-aħħar tal-kors il-parteċipanti jingħataw ċertifikat konformi mal-liġi ta' Malta.
(numru tal-liċenzja maħruġ lill-Fondazzjoni Reggie Miller: P.4867.09)

Għal iktar tagħrif ċemplu fuq 25679277 / 25679262 jew imejl: pbalzan@gwu.org.mt / rbonnici@gwu.org.mt
Fil-każ t'Għawdex ċempel fuq 21556473 / 79556473 jew b'imejl lil mmagrin@gwu.org.mt

IL-KAPITALI L-QADIMA B'ARTI ĠDIDA



L-Imdina se tkun qed tenfasizza l-kreattività b'xogħlijiet ta' arti tal-ogħla kwalità minn 27 pajjiż

Fix-xahrejn li ġejjin, il-Biennali ta' Arti Kontemporanja tal-Katidral tal-Imdina se tkun qed tenfasizza l-kreattività, b'xogħlijiet ta' arti tal-ogħla kwalità minn fost l-aqwa artisti minn 27 pajjiż, foshom Malta. L-ispazji tal-arti f'ħafna mis-siti tal-Imdina se jirduppjaw mal-ftuħ tal-Biennali. Artisti ewlenin minn madwar id-dinja se jkollhom ix-xogħlijiet tagħhom tal-arti għall-wiri fl-Imdina, bejn illum 13 ta' Novembru, 2015 u s-7 ta' Jannar, 2016.

Il-Biennali, li għandha bħala msieħeb ewlieni l-Bank APS, se tiftaħ uffiċjalment bil-kunċert annwali u prestiġjuż tal-APS illum fil-Katidral Metropolitan tal-Imdina, fit-8.00 p.m., meta l-postijiet kollha bix-xogħlijiet tal-arti esebiti se jkunu wkoll miftuħa għall-pubbliku. Il-kunċert se jippreżenta l-premiere tal-i"Stabat Mater", talkompożitur Euchar Gravina. L-Orkestra Filarmonika ta' Malta se tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Christopher Muscat, akkumpanjat mis-Soprano Andriana Yordanova u l-Coro Bel Canto, taħt id-direzzjoni tal-Mro Hermann Farrugia Frantz.

Din l-edizzjoni l-ġdida tal-Biennali tal-Imdina, bittema "Kristjanità", Spiritwalità u d-Diversità, se tagħti ħarsa differenti lill-arti u r-reliġjonijiet, u qed tkun imfaħħra għall-mod kif se tkun ta' pont bejn il-kulturi differenti, id-differenzi fit-twemmin u anke dawk li ma jemmnu f'xejn.

Il-ħsieb ġdid tad-direzzjoni għal dan l-avveniment ġie żviluppat mill-artist, akkademiku u kritiku tal-arti Dr Giuseppe Schembri-Bonaci, li hu d-direttur artistiku tal-Biennali.

Schembri-Bonaci qal li, "Dan li se nkunu qed ngħixu u nesperjenzaw hu Biennali ta' livelli internazzjonali li se tippreżenta lil kull min iżurha ħafna aspetti li wieħed għandu jaħseb dwarhom. Fil-ħajja tal-lum, aħna ninkoraġġixxu l-wirt multikulturali. L-ispiritwalità tmur ħafna lil hinn mir-reliġjonijiet, u permezz tal-Biennali se nkunu qed nesploraw id-diversi forom tagħha."

Min-naħa tiegħu, l-Arċipriet tal-Katidral tal-Imdina, Monsinjur Anton Cassar qal, "L-Imdina għandha storja ta' multikulturaliżmu, u din il-ħajja ġdida li qed tingħata lill-Biennali, li l-Kapitlu tal-Katidral ilu li stabilixxa bħala l-Biennali tal-Art Kristjana u Sagra biex tinkoraġixxi l-artisti f'din l-isfera, taħt id-direzzjoni artistika ta' Dr Schembri-Bonaci, teħodna lil hinn minn dak li ninterpretaw meta nirreferu għall-arti u l-ispiritwalità. L-Arti Sagra hija immaġni artistika li tuża ispirazzjoni u motivi reliġjużi bl-intenzjoni li tgħolli l-moħħ fuq livell spiritwali. F'dan il-kuntest, il-Biennali se tkun qed isservi bħala pjattaforma ideali li tressaq ħafna nies qrib xulxin u tagħti lill-Imdina esperjenza internazzjonali li tilqa' fiha reliġjonijiet diversi, ideoloġiji u twemmin."

Il-lista twila ta' artisti tippreżenta ismijiet millogsma kollha tal-arti. Fost l-ismijiet il-kbar fil-qasam tal-arti internazzjonali, il-Biennali se jippreżenta 23 biċċa ta' arti tar-rebbieħ tal-Premju Nobel, Dario Fo, mill-kollezzjoni privata ta' Dr Schembri-Bonaci.

Minbarra li qed tagħmel ukoll aktar postijiet u siti aċċessibbli għall-pubbliku – u għaldaqstant tqajjem interess fil-wirt Malti – il-Biennali se tippreżenta wkoll kalendarju mimli ta' avvenimenti mifruxa fuq il-perjodu ta' tmien ġimgħat. Dan jinkludi mużika, attivitajiet letterarji u awdjoviżivi. Diversi wirjiet se jiġu ppreżentati kemm fl-Imdina kif ukoll f'postijiet oħrajn barra l-belt medjevali.

Min-naħa tiegħu, Emmanuel P. Delia, Ċermen tal-Bank APS, qal li huwa sodisfatt li l-bank hu assoċjat ma' dan l-avveniment. "L-edizzjoni b'ħajja ġdid tal-Biennali tal-Imdina taqbel perfettament malviżjoni tal-Bank APS li tappoġġja attività kulturali. Dan hu l-aktar għaliex il-Biennali ġiet estiża għallattività artistika u ta' diversità li ma kinux preżenti fledizzjonijiet ta' qabel. Aħna dejjem appoġġjajna arti ta' livell għoli u nkoraġġejna liskambju ta' ideat mhux biss lil hinn minn xtutna iżda wkoll fi sferi ġodda."

Għal aktar informazzjoni dwar il-Biennali ta' Arti Kontemporanja tal-Katidral tal-Imdina 2015, żur s-sit www.mdinabiennale.org.